# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 17 ta' Marzu, 2022.**

**Numru 16**

**Rikors numru 174/12/6 AGV**

**Dr. Corinne Wood f'isimha proprju u bħala kuratriċi *ad litem* ta' wliedha minuri**

**v.**

**Dr. Martin Schranz**

1. Il-konvenut appella minn digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tas-6 ta' Diċembru 2021 li biha ċaħdet it-talba tiegħu għall-ħatra ta' periti perizjuri. Fid-digriet mogħti waqt is-seduta tas-6 ta' Diċembru 2021 il-Qorti ċaħdet it-talba u mmotivat id-deċiżjoni b'dan il-mod:

> *"Il-Qorti rat in-nota tal-konvenuta tal-5 ta' Novembru 2021, rat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 677 tal-Kap. 12 kif ukoll l-artikoli preċedenti u sussegwenti, rat li l-kawża ilha pendenti għal kważi 10 snin tant li erbgħa minn ħamest itfal illum huma maġġorenni, rat li l-provi tal-*

> *partijiet issa ilhom magħluqa għal diversi xhur, għaldaqstant tiċħad it-talba".*

2. Mill-atti jirriżulta li l-konvenut, meta l-istadju tal-provi kien magħluq, talab li jinħatar espert sabiex jiddetermina hemmx *parental alienation* u tipproponi pjan ta' terapija għall-attriċi kif ukoll tordna li t-tifel minuri jmur jgħix mal-konvenut filwaqt li l-attriċi jkollha aċċess għat-tifel. L-ewwel Qorti laqgħet it-talba sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx *parental alienation* u biex isir pjan ta' terapija għall-attriċi. Fit-12 ta' Ottubru 2021 il-psikologa Carmen Sammut ippreżentat ir-rapport tagħha. Il-partijiet kellhom hamest itfal, u llum wieħed minnhom biss għadu taħt l-eta`. Fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2021 il-Qorti tal-Familja awtorizzat lill-partijiet sabiex jieħdu kopja tar-rapport. Fil-5 ta' Novembru 2021 il-konvenut ippreżenta nota li biha talab il-ħatra ta' *'periti psikoloġi addizzjonali'*. B'digriet mogħti fis-6 ta' Diċembru 2021 l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba. Il-konvenut m'għamilx talba lill-ewwel Qorti sabiex terġa' tikkonsidra d-deċiżjoni.

3. Fid-9 ta' Diċembru 2021 il-konvenut appella mid-digriet filwaqt li l-konvenuta wieġbet fit-28 ta' Jannar 2022. Il-konvenut argumenta:

> *"6. Illi għalhekk ladarba l-psikologa Carmen Sammut mhux speċjalizzata fuq parental alienation u siccome l-esponenti talab propjament sabiex jiġi nvestigat jekk hemmx parental alienation iħoss għalhekk illi d-dover sabiex jiġi determinat jekk kien hemm parental alienation jew le ma ġiex milħuq propju għax kien hemm bżonn esperta intiża propju f'dak il-qasam.........*
>
> *7........ Illi għal fini ta' smigħ xieraq l-esponenti għandu jkollu dritt illi t-talba jinħatru periti perizjuri għandha tiġi milqugħa u dana għax jimpinġi ħafna fuq il-benessere tal-minuri Kian jekk jiġi ppruvat li hemm parental*

*alienation. Illi għal maggior parti tal-kawża, l-esponenti seta' jara lil ibnu biss taħt superviżjoni u dana wara allegazzjonijiet foloz tal-attriċi, tant hu hekk illi l-esponenti kelu jipprova illi l-allegazzjonijiet tal-attriċi huma inveritieri billi jitlob li jinħatar espert psikjatra (għax l-attriċi kienet u għadha tisħaq illi l-esponenti għandu diżordni mentali/personalita' u suwiċidali) fejn l-espert psikjatra Dr Jean Pierre Giorgio ċaħad illi l-esponenti jbati minn xi kundizzjoni u kkonkluda li l-minuri Kian ma jkunx fil-periklu jekk ikollu aċċess mhux superviżjonat mal-esponenti......*

*8. ............ Illi rigward il-fatt li l-provi huma magħluqa, l-esperta psikologa inħatret mill-Ewwel Qorti wara l-provi tal-partijiet kienu diġa magħluqin, jiġifieri l-fatt li l-provi huma magħluqin m'għandhiex timpinġi fuq id-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk għandhomx jinħatru periti addizzjonali jew le.*

*9. Illi mill-eskussjoni stess irriżulta wkoll illi l-esponent qatt ma ġie mistoqsi mill-esperta psikologa biex jikkjarifika dak li qalu t-tfal fuqu. Illi jekk tfal ikunu alienated ser ikollhom stampa konsistenti ta' fatti distorti għax il-fonti ta' x'jisimgħu huwa dejjem mill-ġenitur li jkun qiegħed jaljena u f'dan il-każ l-omm. Illi anke fuq dan il-punt l-esponenti jħoss li hemm il-ħtieġa li jinħatru periti addizzjonali f'dan is-sens".*

4. Fl-ewwel lok il-konvenut ma kellux bżonn jitlob il-permess tal-ewwel Qorti sabiex jappella mid-digriet interlokutorju li ngħata fis-seduta tas-6 ta' Diċembru 2021. Skont Art. 229(2) tal-Kap. 12 jista' jsir appell minn digriet li jiċħad talba għall-ħatra ta' periti addizzjonali, b'dan li qabel il-parti aggravata bid-digriet tista' titlob lill-Qorti biex terġa' tikkonsidra mill-ġdid id-deċiżjoni. Il-permess tal-Qorti sabiex appell isir qabel is-sentenza definittiva hu meħtieġ fil-każijiet li jissemmew f'subinċiż (3) tal-Art. 229. Il-każ tal-lum mhuwiex wieħed minn dawk.

5. Il-Qorti tosserva li għalkemm il-konvenut iddefenda ruħu bit-tweġiba li pprezenta quddiem l-ewwel Qorti fid-9 ta' April 2013, fl-ebda parti minnha ma' lmenta li l-attriċi qatgħatlu l-kuntatt tiegħu minn ma' wliedu. Lanqas ma ressaq kontro-talba fejn talab li jingħata l-kura u

kustodja ta' wliedu. Il-konvenut lanqas ma ta spjegazzjoni kif matul dawn is-snin kollha kemm kienet ilha pendenti l-kawza kellu jistenna li jintemmu l-provi biex jitlob għall-ħatra ta' espert biex jistabbilixxi l-*parental alienation*.

6. Fil-mertu l-Qorti tosserva li fil-każ in eżami l-kwistjoni dwar jekk hemmx *parental alienation* mill-attriċi jista' jiġi determinat ukoll mill-Qorti mill-provi li ressqu l-partijiet. Dan meta tqis li fir-rikors il-konvenut semma fid-dettall il-fatti li a bazi tagħhom jippretendi li kien hemm *parental alienation*. Hekk per ezempju li martu ma tatihx taghrif dwar it-tfal; ma titlobx kunsens dwar deċizjonijiet li jolqtu lit-tfal u tagħrif dwar it-tfal; li baqa' jħallas manteniment żejjed għaliex l-attriċi ma qaltlux li wieħed mit-tfal waqaf mill-istudju; kif ukoll li bniet stampa xejn pożittiva tal-missier. Ma' dawn hemm allegazzjonijiet oħra li dwarhom il-konvenut kellu kull opportunita` li jressaq il-provi li ried meta kienu qegħdin jinstemgħu l-provi tiegħu.

7. Inoltre, il-konvenut ser ikollu l-opportunita` li waqt it-trattazzjoni jirreferi għal dawk il-provi li fil-fehma tiegħu jagħtu prova ta' dak li fir-rikors tiegħu[1] jirreferi għalih bħala *"alienation behaviours by the parent"*. Din il-kawża ilha tinstema' sa mis-sena 2012 u f'dawk is-snin kollha kull parti altru milli kellha biżżejjed żmien sabiex tressaq il-provi kollha li riedet.

[1] Ir-rikors li bih talab għall-ħatra ta' psikologa sabiex tiddetermina li f'dan il-każ hemm *parental alienation* u biex tagħmel pjan ta' terapija għall-attriċi.

8. Għal dak li jirrigwarda pjan ta' azzjoni, ovvjament japplika biss fir-rigward tal-uniku tifel minuri għaliex it-tlett itfal l-oħra huma kollha adulti u issa l-għażla qiegħda f'idejhom għandhomx ikollhom kuntatt ma' missierhom.

9. F'dan il-każ il-pjan ta' azzjoni għal terapija li talab il-konvenut hu fil-konfront tal-attriċi, filwaqt li talab ukoll li t-tifel imur jgħix miegħu. Talba li fid-digriet tal-11 ta' Frar 2021 il-Qorti qalet li *'tirriżerva li tipprovdi'* dwarha. Hu fatt li f'ċirkostanza simili l-Qorti tal-Familja tista' tikkonsidra floku li tkun assistita minn espert sabiex tagħtiha parir dwar pjan ta' azzjoni sabiex ġenitur ikun jista' jkollu relazzjoni u aċċess għal ibnu. Parir li f'dan il-każ ingħata fir-rapport tal-psikologa Carmen Sammut. Dan apparti li fil-każ in eżami jirriżulta li l-minuri diġa` għandu kuntatt ma' missieru *online* u meta jkun hawn Malta lest li jiltaqa' miegħu.

10. Għal dak li jirrigwarda l-ilment tal-konvenut li l-espert magħżul ma jispeċjalizzax fil-qasam ta' *parental alienation*, il-Qorti tosserva li meta ngħata l-inkarigu l-konvenut ma kienx oġġezzjona għall-ħatra ta' Carmen Sammut. F'dak l-istadju kieku ried kellu kull opportunita` li jistaqsi jekk l-*area* ta' speċjalizzazzjoni ta' Carmen Sammut hijiex fil-*parental alienation*. Evidenti li dan m'għamlux. Madankollu, hu fatt magħruf li l-*clinical psychologist* Carmen Sammut ilha snin twal tagħti s-servizzi

tagħha lill-Qorti tal-Familja fi kwistjonijet li għandhom x'jaqsmu t-tfal u altru milli hi persuna kompetenti biex tagħti parir.

11. Wara li l-Qorti rat ir-rapport mhijiex tal-fehma li l-konvenut għamel argumenti konvinċenti li jiġġustifikaw in-nomina ta' periti addizzjonali f'dan l-istadju hekk avvanzat tal-kawża.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tal-konvenut bl-ispejjeż kontrih.

Ir-Reġistratur għandu jibgħat l-atti lura quddiem l-ewwel Qorti.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm